17 ta' Ottubru, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Carmela Pace *versus* Rosaria Caruana et.

**Kontijiet — Donazzjoni — Settwaġenarju — Doni Manwali — Art. 1847 tal-Kodiċi Ċivili, u art. 389 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Huwa minnu li min jirrendi kont għandu jipproduċi miegħu d-dokumenti ġustifikattivi; imma d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirrigwardaw ir-rendiment tal-kontijiet ma humiex assoluti; u l-parti li rċeviet il-kontijiet ma tistax tirrifjuta li tiddiskutihom minħabba l-forma li fiha jkunu ġew redatti mill-parti li rrendiethom.*

*L-inkapaċità tas-settwaġenarju li jagħmel donazzjonijiet mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti tirrigwarda biss dawk id-donazzjonijiet li l-valur tagħhom jeċċedi £50.*

*Mir-regola tan-nullità tad-donazzjonijiet li ma jsirux b'att publiku l-liġi teċċettwa, fost każijiet oħra, dawk id-donazzjonijiet li jkollhom bħala oġġett tagħhom doni manwali ta' flus jew ħwejjeġ oħra mobili u korporali, jew titoli għall-portatur, meta s-somma jew il-valur tagħhom ikun żgħir meta jitqiesu l-kondizzjonijiet tal-persuna u ċ-ċirkustanzi l-oħra.*

*Biex ir-rigali jistgħu jitqiesu bħala manwali fis-sens li jkunu eżentati mill-formalità ta' l-att publiku, jeħtieġu tliet elementi: 1. Li l-oġġett mobili mogħti bħala rigal ikun tenwi u proporzjonat għall-kondizzjoni ekonomika tad-donanti; 2. Li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oġġett donat, b'mod li dak l-oġġett jgħaddi immedjatament u irrevokabilment f'idejn id-donatarju; 3. Li d-donanti jkollu effettivament il-volontà li jiddona u li jisresti ruħu immedjatament u irrevokabilment mill-oġġett li jkun irid jiddona.*

*In-nuqqas ta' xi wieħed minn dawn it-tliet elementi jinnewtralizza l-ħsieb li l-oġġett donat għandu jiġi kunsidrat bħala don manwali għall-fini ta' l-eżenzjoni fuq imsemmija.*

Il-Qorti. — Rat it-talba ta' l-attriċi li, wara li ppremettiet li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-konvenuta Rosaria Caruana, bint l-attriċi, bl-awtorizzazzjoni tal-konvenut żewġha, kienet tamministra l-ġid ta' l-attriċi mid-9 ta' April 1944; u billi l-attriċi, b'ittra uffiċjali tal-4 ta' Frar 1946, irrevokat lill-konvenuta l-prokura li kellha u talbitha l-kontijiet tal-ġestjoni tagħha; u

billi l-konvenuta, b'ittra uffiċjali tas-6 ta' Frar 1946, irrendiet il-kont mitlub skond il-kopja tal-prospett unit maċ-ċitazzjoni (dok. A); u billi dak il-kont ma hux korrett, u minnu għandhom jitnaqqsu l-partiti elenkati fil-prospett eżibit maċ-ċitazzjoni (dok. B, li għandu jifforma parti integrali ma' dan l-att, u miegħu jiġi notifikat lill-konvenuta) — liema partiti jammontaw komplessivament għal £307. 10. 9; u billi l-attriċi minn dina s-somma la rċeviet u lanqas awtorizzat lill-konvenuti jżommu xejn jew jiddepożitaw, anki b'titolu ta' donazzjoni minnha f'isem il-persuni indikati fir-rendikont; u billi in konsegwenza ta' l-imsemmi diffalk l-eżitu jiġi ridott għal £98. 17. 6; u billi l-attriċi ġa rċeviet mingħajr preġudizzju s-somma ta' £123. 5. 0 ekwivalenti għal bilanċ li rriżulta mir-rendikont tal-konvenuta; u billi l-attriċi għad fadlilha tieħu minn għand il-konvenuti, jew min minnhom, l-imsemmija somma ta' £307. 10. 9; talbet, prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li d-depożiti ta' £50 l-wieħed riżultanti mill-kont saru illegalment, u kwalunkwe donazzjoni li talvolta saret hija nulla għax mhux skond il-liġi, li l-imsemmi rendikont jiġi korrett b'mod li mill-ħruġ jiġu dedotti £307. 10. 9, u dana l-ħruġ jiġi ridotta għal £98. 17. 6, u jibqa' konsegwentement favur l-attriċi bilanċ ta' £430. 15. 9 li akkont tiegħu hija diġà rċeviet £123. 5. 0, kollox skond il-prospett unit maċ-ċitazzjoni (dok. A), u l-kundanna tal-konvenuti sabiex iħallsu lill-attriċi l-imsemmija somma ta' £307. 10. 9 għar-raġunijiet fuq miġjuba; b'riżerva ta' drittijiet oħra; bl-imgħax legali min-notifika ta' dana l-att; u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-4 ta' Frar 1946, kontra l-konvenuti jew min minnhom;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mill-provi jirriżulta li l-attriċi hija omm il-konvenuta. Jirriżulta wkoll li l-attriċi għandha tfal oħra, u li hija, qabel ma marret toqgħod mal-konvenuta, kienet toqgħod ma' bintha l-oħra Elena Ciappara; u anki ma' din l-aħħar imsemmija kellha xi tgħid fuq il-finanzi qabel ma marret għand il-konvenuta. Lill-konvenuta l-attriċi kienet għamlitilha prokura...... Jirriżulta wkoll li l-attriċi ħarġet mid-dar tal-konvenuta fil-

25 ta' Frar 1945 (ara depożizzjoni tal-konvenuta fol. 27);

Illi jingħad ukoll, kif jista' jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, fil-parti tiegħu fejn hemm it-talba, li l-istess hija ristretta għar-rendikònt li l-konvenuta kienet għamlet lill-attriċi, non ostanti l-fatt li fil-premessi jingħad li l-konvenuta kienet bdiet tamministra l-ħwejjeġ ta' ommha fid-9 ta' April 1944;

Tikkunsidra;

Illi wara li ntqal dan li ġie premess, jingħad li t-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni hija dik ta' kontestazzjoni ta' reża tal-kontijiet, preċeduta mid-dikjarazzjoni, jekk ikun hemm bżonn, li d-depożiti ta' £50 l-wieħed riżultanti saru illegalment, u li kwalunkwe donazzjoni li talvolta saret hija nulla għax ma saretx skond il-liġi;

Illi l-istess talba tista' tiġi maqsuma f'żewġ sezzjonijiet, u ċjoè (1) dwar il-flus ta' l-imgħax u kerjiet li l-attriċi tgħid li ma rċevietx minn għand il-konvenuta, u (2) dwar il-kontestazzjoni tal-validità tat-tliet depożiti ta' £50 il-wieħed li saru favur it-tfal minuri tal-konvenuti msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-attriċi tikkontesta li qatt irċeviet it-tliet partiti ta' £36, £25 u £22 dwar l-imgħaxijiet tal-flejjes li kellha l-Bank, u l-partita ta' £74. 10. 9 tal-kirjiet............. Meta ma' dan l-istat ta' memorja u aġir ta' l-attriċi jiġi aġġunt u meqjus il-fatt tar-relazzjoni intima tal-kontendenti, li ma kienx jimponi, b'volontà tal-partijiet imsaħħa bil-prattika wżata bejniethom, osservanza ma' regoli legali stretti, ma hemmx bżonn jingħad li l-ġurament tal-partijiet, awsiljat minn xi notamenti li ma ġiex pruvat li kienu ġew magħmula għall-finijiet ta' dina l-kawża, għandu, fuq il-prinċipji tal-ġustizzja sostanzjali u ekwità, ikollu piż. Huwa minnu li skond il-liġi (art. 389 (1) Proċedura Ċivili) min jirrendi kònt irid jipproduċi d-dokumenti ġustifikativi; eppure ġie deċiż li l-prova imposta mill-art. 398 u 390 tal-Proċedura Ċivili "non è di rigore, e la parte cui si rende il conto non può ricusare di discuterlo nella forma in cui è stato compilato dall'altra parte" (ara Kummerċ 14 ta' Diċembru 1899, in re "Ness vs. Vella ed.", Vol. XVII — III — 49). Dana jġibna għall-

konsegwenza li fil-każ li ma jkunx hemm riċevuti, l-għaliex ma jkunux saru bl-akkwijexxenza ta' min jeżiġi l-kont, u mhux kontra l-volontà ta' min jirrendih, m'hemmx lok għall-prova ta' *dak li jissejjaħ "quod actum est" b'mezzi oħra li* tagħti l-liġi, kif donnu jidher ukoll li jista' jsir mill-art. 393 (1) tal-Proċedura Ċivili, dwar il-partiti li tagħhom ma tistax tinġieb riċevuta;

Illi għalhekk, dwar il-partiti fuq imsemmija, dina l-Qorti tħoss li t-teżi tal-konvenuta hija aktar aċċettabili minn dik ta' l-attriċi;

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjoni l-oħra tirrigwarda l-validità tat-tliet depożiti ta' £50 l-wieħed favur il-minuri, imdaħħla fil-kawża;

Illi l-attriċi tinnega li hija qatt tat ebda kunsens lill-konvenuta sabiex tagħmel dawk id-depożiti favur uliedha Dolores, Giuseppa u Antonio, aħwa Caruana; u barra minn dan, anki jekk qatt jiġi deċiż li hija tat dak il-kunsens, billi dawk id-depożiti jimpurtaw liberalità, u mhumiex doni man-wali, id-donazzjoni mhix valida, l-għaliex ma saretx skond il-forma voluta skond l-art. 1512 tal-Kodiċi Ċivili; oltre għall-kwistjoni l-oħra sollevata dwar id-depożiti favur Giuseppina u Antonio aħwa Caruana, billi l-istess saru f'jum wieħed u flimkien, u kienu jammontaw għal £100, meta l-attriċi kel-lha aktar minn 70 sena u saru bla ma ġiet ottenuta l-awtoriz-zazzjoni tal-Qorti kompetenti;

Tikkunsidra;

Illi sabiex dina l-Qorti tgħid kienx jew ma kienx hemm kunsens għad-depożiti — kwistjoni li jista' jkollha importan-za fuq il-kap ta' l-ispejjeż, anki jekk il-liberalitajiet jiġu dik-*jarati invalidi għan-nuqqas tal-forma, jew għar-raġuni tan*-nuqqas ta' l-awtorizzazzjoni neċessarja, jingħad li l-kontes-tazzjoni trid tiġi avviċinata fid-dawl ta' dak li sar jew intqal qabel l-att "de quo agitur", kif ukoll kontemporaneament u susseġwentement għalih. Huwa fatt li l-attriċi kienet ester-nat *ċar l-intenzjoni tagħha li tegwalja n-neputijiet kol-*lha..............;

Illi kwindi, milli jidher, l-attriċi kienet tat il-kunsens biex isiru dawk id-depożiti;

*Tikkunsidra*;

Illi dwar id-depożiti li saru mill-konvenuta fl-okkażjoni tal-25 ta' Jannar 1945 il-Banca "Tagliaferro e Figli", għannom ta' Dolores Caruana, u ż-żewġ depożiti fl-istess Bank taħt id-data tas-16 ta' Frar 1945 favur it-tfal l-oħra tal-konvenuta, u ċjoè Ġuża u Toni Caruana;

Illi m'hemmx kwistjoni li meta saru d-donazzjonijiet li fuqhom qegħdin nitkellmu, id-donanti, ċjoè l-attriċi, kienet għalqet is-70 sena;

Illi skond il-liġi tagħna, dwar il-kapaċità tad-donazzjonijiet li tinteressa l-każ in diżamina, huma inkapaċi li jagħmlu donazzjonijiet dawk li jkunu għalqu s-70 sena, barra milli bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. Dina l-inkapaċità tirrigwarda biss id-donazzjonijiet ta' ħwejjeġ li l-valur tagħhom ikun aktar minn dak tas-somma ta' £50 (ara art. 1838 para. 1 inċ. "f" u para. 2 tal-Kodiċi Ċivili). Dina d-dispożizzjoni ssib ir-radiċi tagħha fil-Kodiċi De Rohan, Tielet Ktieb, Kapitolu 7, parag. 1-5, u fil-Bandu tat-28 ta' Frar 1788. Jingħad però li dana d-dispost tal-liġi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, huwa subordinat għall-artikoli li jirregolaw il-forma tad-donazzjonijiet, salvi l-eċċezzjonijiet hemm imsemmija. Infatti, fil-materja tal-forma tad-donazzjonijiet il-liġi tagħna, fl-art. 1847 ta' l-istess Kodiċi Ċivili, wara li timponi r-regola ġenerali applikabili għal kwalunkwe xorta ta' donazzjonijiet, fis-sens li d-donazzjonijiet huma nulli jekk ma jsirux b'att publiku, tgħid li dana l-prinċipju ma għandux, fost każi oħra, jgħodd għar-rigali li jingħataw minn id għad id, ta' flus jew ta' ħwejjeġ mobili korporali oħra, jew ta' titoli għall-portatur, jekk is-somma jew il-valur tagħhom ikun żgħir meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuna u ċirkustanzi oħra. B'dan il-mod il-leġislatur tagħna ġie qabbel il-liġi tagħna ma' dak li l-kommentaturi tal-Kodiċi Ċivili Franċiż dejjem qablu, li għandha tiġi ammessa l-validità tad-donazzjonijiet manwali (ara Grenier, Donazioni e Testamenti, no. 175; Touillier, Vol. 5, numri 172 u ta' warajh; Delvincourt, komment fuq l-art. 932; Merlin, Repertorio, vuċi Donazione, sez. 2, §7; u Dalloz, Disposizioni tra vivi e testamentarie, Cap. 4, Sez. 2, art. 3);

Dan il-kunsens unanimi tad-Dottrina Franċiża huwa bażat fuq il-konsiderazzjoni li l-validità tad-donazzjonijiet man-

waħi hija poġġuta fuq il-prinċipju li fil-materja ta' l-oġġett mobili l-pussess huwa titolu meta l-possessur ikun "in buona fede", bil-konsegwenza neċessarja li l-liberalità ssehh bit-tradizzjoni tal-ħaġa mobili donata — fatt li jimplika l-intenzjoni tad-donanti u l-aċċettazzjoni tad-donatarju;

Jingħad ukoll illi n-nullità kontemplata fl-art. 1847 (1) tal-Kodiċi Ċivili hija ta' karattru assolut, fis-sens li tista' tiġi invokata mill-istess donanti anki jekk dan l-aħħar imsemmi jkun eżegwixxa jew ikkonferma volontarjament id-donazzjoni, salv il-każ tad-donazzjonijiet manwali, fejn allura l-kuntratt mhux rikjest, għalkemm l-eredi tad-donanti jew l-aventi kawża minnu jistgħu jirrinunzjaw għan-nullità u jissanaw l-irregolarità, sija bir-ratifika sija bil-konferma jew bl-eżekuzzjoni tad-donazzjoni, kif jidher mill-art. 1274 u 1275 tal-Kodiċi Ċivili;

Tikkunsidra;

Illi huwa fatt li l-konċett tad-donazzjoni manwali huwa oskur u vag; u hemm fost l-awturi min jaħseb li l-istess għandu jiġi determinat bi kwalunkwe mod, u ċjoè mhux biss fir-rigward tal-manwalità u modiċità, imma anki fir-relazzjoni tal-funzjoni ta' l-istess donazzjoni soċjalment kunsidrata. Dina l-Qorti taħseb li biex id-donazzjoni manwali li tkun eżenti mis-solennità ta' l-att publiku stabbilit mil-liġi taħt piena ta' nullità għad-donazzjonijiet veri u proprji jkollha effikaċja ġuridika, huwa meħtieġ (1) li l-oġġett mobili mogħti b'rigal ikun tenwi u proporzjonat għall-kondizzjonijiet ekonomiċi tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oġġett donat, u b'mod li dana jgħaddi immedjatament u irrevokabilment f'idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volontà li jiddona u li jisvesti ruħu immedjatament u irrevokabilment mill-oġġett li jkun irid jiddona. In-nuqqas ta' wieħed minn dawn l-elementi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, jinnewtralizza l-ħsieb li l-oġġett donat għandu jiġi kunsidrat bħala don manwali. Mentri l-aħħar żewġ rekwiżiti rispettivament jiffurmaw l-att materjali u intenzjonali speċifiku tad-donazzjoni, l-ewwel element juri xogħol tal-moħħ bażat fuq fatti konkreti dwar ir-relazzjoni proporzjonali tal-kondizzjoni ekonomika tad-donanti u l-valur ta' l-oġġett donat. Il-modiċità jew eċċessività, kwindi, tad-

donazzjoni, sabiex jista' jingħad li hija fil-każ speċifiku tista' tirrivesti l-karattru ta' don manwali, hija varjanti skond il-valur ta' l-oġġett u l-fortuna tad-donanti. Huwa għalhekk li dik ir-relazzjoni trid tiġi studjata u eżaminata. M'hemmx bżonn jingħad li ċerti donazzjonijiet li jsiru każwalment u konswetudinarjament f'ċerti determinati rikorrenzi u ċirkustanzi tal-ħajja, meta jkunu ta' somom tenwi skond il-kondizzjonijiet ekonomiċi tad-donanti, ma jistgħux ħlief jirrivestu l-karattru ta' doni manwali. Hekk jingħad għar-rigali żgħar u ta' ftit flus fl-okkażjoni ta' l-istrina jew xi onomastiku jew okkażjonijiet ta' żwieġ; imma dak li joħroġ barra miċ-ċirkustanzi ordinarji tal-ħajja ma jistax dwarhom jingħad l-istess ħaġa "prima facie" u mill-ewwel b'ċertezza;

Illi fil-każ in diżamina għandna illi l-attriċi hija proprjetarja ta' nofs li għandha minn dak li kien sar fil-kors taż-żwieġ mal-mejjet żewġha, u mhux kontestat li b'testment ħallielha n-nofs l-ieħor in użufrutt. Ir-rendita kollha tammonta b'kollox għal xi ftit liri fuq it-£300 fis-sena, u f'sena waħda ddonat £150, £50 kull wieħed, lit-tfal minuri msemmija tal-konvenuti. Jekk ir-rendita ta' £300 tiġi kapitalizzata bit-30%, il-patrimonju li qiegħed f'idejn l-attriċi jiġi jammonta għal £10,000, u nofsu għal £5,000, apparti l-kreditu ta' £300 ta' l-attriċi kontra binha;

Illi di fronti għal dana l-kalkolu u għaċ-ċirkustanza li l-attriċi hija n-nanna tal-minuri, kif ukoll li l-istess attriċi żammet il-kondizzjoni ta' l-użufrutt sa mewtha, li mhix ħaġa oħra ħlief differiment ta' l-eżekuzzjoni tad-donazzjoni, mentri l-oġġett tad-donazzjoni huwa l-kapital ta' £50, huwa ċert, kif ukoll di fronti għall-fatt li hija riedet li b'hekk tugwalja, bħal ma għamlet ma' ħadd ieħor ta' l-istess demm u grad ta' dixxendenza, in-neputijiet — dak li jirradika l-użu fil-familja ta' l-attriċi, id-donazzjonijiet "de quo dicimus" fil-ħsieb ta' dina l-Qorti għandhom jiġu kunsidrati bħala doni manwali, u kwindi validi bla kuntratt. Ma jħassarx dina l-idea tal-Qorti l-fatt li f'ġurnata waħda d-donanti ħarġet £100, u ċjoè £50 kull wieħed għal tnejn min-neputijiet; kif lanqas l-istess fatt ma jmur kontra d-dispost 1838 tal-Kodiċi Ċivili, għaliex id-donazzjonijiet in parola huma fattijiet diversi bejn id-donanti u ż-żewġ donatarji, u bħala tali huma

rapporti ġuridiċi distinti u separati, u bħala tali kienu jirrikjedu kunsensi u aċċettazzjonijiet separati, u setgħu kienu suġġetti għal modalitajiet differenti, b'mod li, hekk kunsidrati, jidħlu fl-effikaċja lilhom mogħtija mill-istess liġi;

Illi bil-fatt ta' l-intestazzjoni taċ-ċedoli lill-minuri, aċċettati mill-attriċi u għall-minuri mir-rappreżentant tagħhom, li m'hemmx kontestazzjoni fuqhom, għandna l-adempiment taż-żewġ estremi l-oħra għal l-effettwazzjoni tad-donazzjonijiet "de quo dicimus";

Illi kwindi t-talba attriċi mhix sostenibili;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż, previju l-akkoljiment tal-perizja fejn taqbel ma' din is-sentenza u r-ripudja tagħha fejn ma taqbelx.